Verżjoni Elettronika

A.L. 79 tal-2023

ATT DWAR IL-ĠESTJONI TAL-FINANZI PUBBLIĊI (KAP. 601)

Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sospensjoni Temporanja ta' ċerti dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-Akkwist Pubbliku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar il-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi, il-Ministru responsabbli għall-finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sospensjoni Temporanja ta' ċerti dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-Akkwist Pubbliku u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar is-Sospensjoni Temporanja ta' ċerti dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-Akkwist Pubbliku, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali".

L.S. 601.13.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fil-paragrafu (a) tas-subregolament (1) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "fi jew qabel l-24 ta' Frar, 2022;" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fi jew qabel t-30 ta' Settembru 2022;".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "jiskadu sitt (6) xhur mill-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jiskadu fil-31 ta' Lulju 2023,".